Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.10059 — SK hynix/Intel's NAND and SSD business)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2021/C 139/07)

1. Fit-13 ta' April 2021, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— SK hynix Inc. ("SK hynix", il-Korea),

— in-negozju NAND u SSD ta' Intel ("in-Negozju fil-Mira", l-Istati Uniti tal-Amerka).

SK hynix takkwista, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll esklużiv ta' partijiet minn Intel, in-Negozju fil-Mira.

Il-konċentrazzjoni titwettaq permezz tax-xiri ta' assi.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— SK hynix: kumpanija multinazzjonali attiva fis-(i) semikondutturi tal-memorja, bħad-Dynamic Random Access Memory ("DRAM") u n-NAND flash memory, (ii) soluzzjoni għall-ħażna bħall-SSDs ibbazati fuq NAND, u (iii) semikondutturi tas-sistemi, bħas-sensuri tal-immaġni tal-Complementary Metal Oxide Semiconductor ("CMOS"),

— in-Negozju tal-Mira: attiv fl-iżvilupp, id-disinjar, il-manifattura, l-assemblaġġ, l-ittestjar, il-kummerċjalizzazzjoni u l-bejgħ ta' prodotti li jużaw it-teknoloġija tal-memorja mhux volatili, riferut b'mod komuni fl-industrija tas-semikondutturi bħala NAND flash memory. In-Negozju fil-Mira huwa attiv ukoll fl-iżvilupp, id-disinjar, il-manfiattura, l-assemblaġġ u l-bejgħ ta' SSDs li jużaw in-NAND flash memory.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.10059 — SK hynix/Intel's NAND and SSD business

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 22964301

Indirizz tal-posta:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles / Brussel
BELGIQUE / BELGIË

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").